MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 307/2013

Appell Nru: 307/2013

Il-Pulizija

Vs

Osama Mohamed Benmilud

Illum, 27 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Osama Mohamed Benmilud, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 39597A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukolljekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur t' Dicembru, 2012 u Jannar, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Carol Camilleri u/jew lil uliedu s-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaiha u/jew ghall-ulied fi

zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-12 ta' Gunju, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi imputat hati u kkundannatu gimghatejn detenzjoni. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lil-hati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Osama Mohammed Benmilud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Gunju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tigi nflitta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern u li ma jkunx hemm habs jew detenzjoni effettiva.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha biss abbazi tal-fatt illi l-appellant naqas illi jhallas il-manteniment lill-martu u jew uliedu fiz-zmien stipulat ghax-xhur ta' Dicembru, 2012 u Jannar, 2013 minghajr ma dahlet fil-parti illi l-esponent ma hallasx il-manteniment mhux b'kapricc izda ghax ic-cirkostanzi tieghu huma dawk li huma u huwa impossibbli li jhallas;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-appellanti irregistra ammissjoni minnufih u dan kif l-istess insenjament ta' Cesare Beccaria fejn qal hekk u nikkwota "...che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibile, ne di disfare un delitto gia commesso.." u li ghalhekk l-appellanti qed jitlob bl-akbar umilta' jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat:

L-appellant ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn martu Carol Camilleri u jidher illi hemm ordni illi l-appellant ghandu jhallas ammont ta' manteniment lil martu. L-appellant naqas illi jaghmel hekk ghax-xhur ta' Dicembru elfejn u tnax

(2012) u Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza in konnessjoni ma' dan in-nuqqas. Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu u l-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha fejn ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn filwaqt illi ammetta illi fil-principju ghandu jhallas manteniment però legalment u fizikament dan kellu jkun kumplimentat mill-fakultà moghtija mill-awtoritajiet Maltin illi jkun jista' jahdem Malta. L-appellant ghamel dan l-argument peress illi huwa mhuwiex cittadin Malti u ghad m'ghandux il-permess illi jkun jista' jahdem Malta.

Ikkunsidrat:

Huwa ben rikonoxxut illi dan l-argument mhuwiex rikonoxxut mill-gurisprudenza Maltija. Ikun facli ghal dak li jkun illi jecepixxi l-impossibiltà li jhallas minhabba nuqqas ta' xoghol u b'hekk ikollna kwantità kbira ta' obbligazzjonijiet u ordnijiet tal-Qorti illi ma jigux osservati minhabba din l-iskuza illi mhux dejjem tkun wahda genwina izda fil-maggoranza kbira tal-kazi tkun intuzat bhala skuza biex dak li jkun jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu.

Fil-kawza Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 1998 intqal "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment dovut anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimendu li ghandu u li kellu l-appellant kien illi jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti sabiex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li tottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll Il-Pulizija versus Alfred Camilleri 18/09/2002 u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud 15/10/2009). Ghalhekk l-iskuza tal-appellant illi huwa ma jistax ihallas il-manteniment ghaliex bla xoghol ma tistax treggi u l-ewwel Qorti ghamlet sew meta sabet il-htija u ghaddiet ghall-kundanna.

Irrizulta però illi fil-mori ta' dan l-appell l-appellant hallas dak kollu li huwa dovut lill-parti civili skont ma jidher fil-verbal tad-dsatax (19) ta' Frar elfejn u erbatax (2014) (fol 22) fejn wara l-hlas il-parti leza iddikjarat illi ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant ghal dak li jirrigwarda din il-kawza.

Din il-Qorti mhiex aversa ghal din is-sitwazzjoni illi tista' tinholoq fil-mori tal-appell meta appellant jirrealizza l-izball li jkun ghamel u jhallas dak illi jkun dovut u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza Il-Pulizija versus Publius Said (25/9/2003) fejn inghad "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontroversja fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena ...".

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet il-htija u tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn flok gimaghtejn detenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------